II

(Atti mhux leġiżlattivi)

FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2016/602

tat-23 ta' Marzu 2016

dwar l-iffirmar u l-konklużjoni tal-Ftehim ta' Parteċipazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-parteċipazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera fil-Missjoni ta' Konsulenza tal-Unjoni Ewropea għar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà Ċivili fl-Ukrajna (EUAM Ukraine)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 37 tiegħu, flimkien mal-Artikolu 218(5) u (6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) L-Artikolu 10(4) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/486/PESK [1] jipprevedi li arranġamenti dettaljati rigward il-parteċipazzjoni ta' Stati terzi għandhom ikunu koperti minn ftehimiet konklużi f'konformità mal-Artikolu 37 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

(2) Fis-7 ta' Diċembru 2015, il-Kunsill adotta Deċiżjoni li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati għal Ftehim ta' Parteċipazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-parteċipazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera fil-Missjoni ta' Konsulenza tal-Unjoni Ewropea għar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà Ċivili fl-Ukrajna (EUAM Ukraine), ("il-Ftehim").

(3) Il-Ftehim għandu jiġi approvat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Ftehim ta' Parteċipazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-parteċipazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera fil-Missjoni ta' Konsulenza tal-Unjoni Ewropea għar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà Ċivili fl-Ukrajna (EUAM Ukraine) huwa b'dan approvat f'isem l-Unjoni.

It-test tal-Ftehim huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

[1] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/486/PESK tat-22 ta' Lulju 2014 dwar il-Missjoni ta' Konsulenza tal-Unjoni Ewropea għar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà Ċivili fl-Ukraina (EUAM Ukraine) (ĠU L 217, 23.7.2014, p. 42).

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat li jaħtar il-persuna jew il-persuni li jkollhom is-setgħa li jiffirmaw il-Ftehim sabiex ikun jorbot lill-Unjoni.

Artikolu 3

Il-President tal-Kunsill għandu, f'isem l-Unjoni, jagħti n-notifika prevista fl-Artikolu 9(1) tal-Ftehim.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Marzu 2016.

Għall-Kunsill

Il-President

A.G. KOENDERS